## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 279/2016**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Reginald Bugeja**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Reginald Bugeja detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 505272 (M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli :

Fil-5 ta' Mejju 2004, f'xi ħin bejn nofs in-nhar u l-erbgħa neqsin kwart ta' wara nofsinhar, fi Triq Għarreqin, Imdina, ikkommetta serq ta' diversi għodda fosthom gigger tal-marka 'Metabo', dynamo machine, tester dryer, brace tal-marka Metabo u tliet interkom kits minn ġo vettura tal-għamla Toyota Hiace tal-kumpanija Masco Security Services Ltd bin-numru tar-reġistrazzjoni ABM-918 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li huwa iktar minn mitejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda ma

huwiex iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-detriment ta' Joseph Bartolo minn Naxxar;

1. U talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-għamla Toyota Hiace bin-numru tar-reġistrazzjoni ABM-918, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu imma huwa iżjed minn tlieta u għxorin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għad-detriment ta' Joseph Bartolo min-Naxxar.
2. U talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorit tal-Maġistrati (Malta) datata 24 ta' Settembru 2002;
3. U talli kiser il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata l-20 ta' Jannar 2003;
4. U talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fid-19 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet premessi li biha l-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u illiberatu;

Rat in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tad-19 ta' Mejju 2018 li biha għarraf li bi ħsiebu jappella mis-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ntavolat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2016 li bih talab lill-Qorti li tħassar u tirrevoka s-sentenza tad-19 ta' Mejju 2016;

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkonsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali li fih jillanja l-procedura adoperata mill-ewwel Qorti li wasslet ghas-sentenza liberatorja fil-konfront tal-imputat. L-Avukat Generali jikkritika d-decizzjoni tal-ewwel Qorti li tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni mghaluqa, ma provdietx ghat-talba tal-prosekuzzjoni biex tressaq il-provi taghha u ghall-hatra ta' espert biex jaghmel ezami komparattiv tal-impronti digitali u inoltre ghaddiet biex tipprolata s-sentenza meta fis-seduti precedenti il-Magistrat decident kien rrikuza ruhu fuq talba tad-difiza;

2. Minn ezami tal-atti processwali jirriżulta li fit-28 ta' Frar 2013 xehed Joseph Bartolo (fol32). Fit-18 t'April 2013 l-Qorti ddiferiet il-kawża (fol 37). Fis-27 ta' Ġunju 2013 instema' PS 985 Pace u ppreżenta Dok B1 U Dok B2. L-Uffiċjal Prosekutur esebixxa sentenza mmarkata Dok DB 3. Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 xehed il-Maġġur Edgar Dalli u esibixxa Dok ED 1.(impronti diġitali). Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2014 xehed PS 659 Hughes u ppreżenta Dok JH1. Fil-11 ta' Marzu 2014 il-Prosekuzzjoni talbet differiment minħabba li kellha impenji barra minn Malta u l-Qorti laqgħet it-talba. **Fid-29 ta' Mejju 2014 (fol 80) ma deher ħadd. Il-Qorti ddikjarat l-provi tal-Prosekuzzjoni magħluqa u ħalliet il-kawża għall-provi difiża;**

3. Fis-6 ta' Ġunju 2014 il-Prosekuzzjoni talbet differiment minħabba impenji barra minn Malta u l-Qorti ddiferiet il-kawża. **Fl-24 ta' Lulju 2014 il-Prosekuzzjoni spjegat l-assenza tagħha u talbet lill-Qorti sabiex il-kawża titħalla għall-provi Prosekuzzjoni sabiex tkun tista' tagħlaq il-provi tagħha kif ukoll sabiex ikun mahtur espert biex jirrelata rigward l-impronti digitali esebiti.** Dak ir-rikors qatt ma kien trattat wisq anqas dekretat. Fit-30 t'Ottubru 2014 l-imputat ma deherx u l-Qorti ordnat mandat t'arrest (fol 84). L-appellat talab li tinħafirlu l-multa. Fit-22 ta' Jannar 2015 id-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq u l-Qorti ddiferiet il-kawża għat-trattazzjoni [recte : sottomissjonijiet finali – ghaliex it-trattazzjoni tal-kawza hu dak l-istadju taghha kollu ill-bidu sal-ghoti tas-sentenza]. Izda, Fil-5 ta' Marzu 2015 d-difiża talbet ir-**rikuża** tal-Maġistrat ghas-segwenti raguni: *Deher Dr. Edward Gatt ghad-difiza li jirrileva li b'mera koincidenza, il-kuratur* [recte: Kuntrattur] *li jhaddem l-akkuzat ikkuntratta xi xogholijiet lill-Qorti kif preseduta fejn anke hadem l-imputat. F'dawn ic-cirkostanzi l-imputat jitlob lill din il-Qorti kif preseduta tirrikuza ruhha".* Il-Qorti ddisponiet minn din it-talba bis-segwenti verbal: *Il-Qorti tastjeni minn li tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz. Tibghat l-Atti lir-Registratur tal-Qorti sabiex jigu assenjati lil din il-Qorti kif diversament preseduta* (Fol 88);

4. Fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2016 dehru l-imputat u l-avukat tiegħu. L-avukat talab differiment għaliex l-appellat kien għadu ma ħax ir-release minn għand l-avukat li kien jassistih precedentement u l-Qorti ddiferiet il-kawża. Fis-7 ta' April 2016 (fol 90) dehru kemm il-Prosekutur kif ukoll l-avukat tad-difensur waqt li l-avukat tad-difensur preżenta ċertifikat tal-mard tal-appellat. Fid-19 ta' Mejju 2016 (fol 97) deher l-imputat assistit u l-ufficcjal prosekutur, saru sottomissjonijiet u l-kawza kienet deciza dakinhar stess;

5. Illi minn din ir-rassenja huwa minnufih evidenti illi l-ewwel Qorti ppekkat f'inosservanza ta' indoli procedurali li jirrendu l-gudizzju taghha *unsafe and unsatisfactory.* Apparti li skond l-artikolu 413(b) (vi) tal-Kap 9 l-Avukat Ġenerali jista' jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn il-Qorti ma tkunx ħalliet lill-Prosekuzzjoni tipproduċi xhud indispensabbli, il-prosekuzzjoni kienet intavolat rikors sabiex ikun nominat espert bhala parti mill-provi taghha. Apparti ukoll illi dan l-espert kien wiehed indispensabbli sabiex jaghmel il-paraguni mehtiega bejn il-*lifters* u l-impronti tal-imputat, dik it-talba qatt ma kienet kontemplata mill-ewwel Qorti. Inoltre, u forsi aktar gravi minn hekk, wara li l-Magistrat decident kien irrikuza ruhu u ordna li l-atti jkunu assenjati mill-gdid, pproceda biex ddecieda l-kawza hu stess. Huwa evidenti illi dak appena senjalat sar bi zvista ghaliex il-process baqa' fil-lista tal-kawzi ghas-smiegh quddiem l-istess Magistrat, izda, la darba l-istess Magistrat zvesta ruhu minn dak il-process, hija biss Qorti diversament preseduta li tista' tkompli b'dak is-smiegh sakemm ma jkunx hemm digriet *contrario imperio* li jiggustifika ripensament;

6. Din il-Qorti tifhem u tapprezza il-volum ta' xoghol pendenti quddiem il-Qrati tal-Magistrati u li din taghmel dak li hu possibbli biex process sommarju ikun trattat bi speditezza jew fi zmien ragjonevoli. It-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tressaq il-provi taghha, kellha tkun deciza u mhux tithalla pendenti b'mod illi l-process baqa' jissokta daqs li kieku dik it-talba qatt ma saret;

7. Il-Qorti setgħet rrikorriet ghall-diversi mizuri biex tistrada l-kaz quddiemha la darba kienu gia esebiti żewġ dokumenti dwar inpronti digitali u ticpis ta' likwidu ahmar, provenjenti

minn area fejn kien hemm hgieg mkisser ta' vettura. Dan l-appell ghalhekk ser ikun akkolt;

8. Issa, kwantu il-procediment minn hawn 'l quddiem, il-Qorti mhix f'qaghda li tiddeciedi l-kawza hi stess peress illi ghad hemm xhieda li ghadhom ma ddeponewx u f'kaz illi jinstemghu minn din il-Qorti l-partijiet jkunu privati minn dritt ta' appell fil-futur. Gia f'sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Mejju 1995 fl-ismijiet '**Il-Pulzija v Louis Farrugia'** li fiha rassenja ta' gurisprudenza, kien ritenut hekk:

*'Il-Qorti sejra għalhekk takkolji l-appell tal-Avukat Ġenerali, pero' ma taqbilx li għandha tkompli tisma' l-provi hi stess f'dana l-istadju u dana biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benfiċċju tad-doppio eżami u għalhekk fil-waqt li sejra tirrevoka s-sentenza appellata ser tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeċiedi l-kawża skont il-Liġi.'* (Ara wkoll 'Il-Pulzija vs Maria Camilleri' deċiża fl-10 t'April, 2014 mill-Onor. Imħallef Dr Michael Mallia

9. Ghal dawn il-motivi, Il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u konsegwentement qed tirrevoka s-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppio esami tordni li l-atti jintbghatu lura lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeċiedi l-kawża skont il-Liġi